MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Numru. 916/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Spiridione Zammit**

**vs**

**Floyd Attard**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Floyd Attard ta’ 25 sena, bin Carmelo u Anna nee’ Zammit, imwieled Pieta’ fl-10 t’Awwissu 1984 u residenti 24, Triq id-Duluri Isla u detentur tal-karta tal-identita’ b’ numru 400284(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. F’dawn il-gzejjer fi 23 ta’ Gunju 2010 u fil-granet ta’ qabel fil-Fgura u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda

2. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt cioe' b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ittenta jaghmel qligh ta' 1600 Euros ghad-detriment ta' Jason Matthew Parnis mill-Fgura.

3. Fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe cekk numru 13 44 875 akkont numru 87021853001 tal-HSBC li jippartjeni lil Jason Matthew Parnis mill-Fgura billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw.

3. Xjentement ghamel uzu mill-istess atti, kitba jew skrittura falza.

4. Ffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe cekk numru 13 44 875 akkont numru 87021853001 tal-HSBC li jippartjeni lil Jason Matthew Parnis mill-Fgura, illi meta jigi prezentat wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija.

5. Fl-istess cirkustanzi xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom.

6. Kkommetta serq ta' cekk book mahrug mill-HSBC fuq l-akkont ta' Jason Matthew Parnis mill-Fgura u aktar talli ghamel uzu mill-karta msemmija.

7. Sar jaf li xi haga kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew haga mehduha b'qerq jew akkwistata b'reat naqas li jagharraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kien hekk sar jaf.

8. B'hekk rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Awwissu, 2010 (esebit a fol. 11 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2010 iddikjara li ma' kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-5 ta' Lulju 2010 certu Jason Parnis mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija ta' Rahal il-Gdid minhabba li fl-24 ta' Gunju 2010 kien gie nfurmat minn Romina Debono li hija l-Customer Service Manager fil-fergha tal-HSBC tal-Fgura li certu Floyd Attard kien mar il-bank sabiex issarraf cheque numru 3 datat 15 ta' Gunju 2010 bin-numru 448759870218530001 (il-kont kurrenti ta' Jason Parnis) fl-ammont ta' €1600 u liema cheque kien pagabbli lil Floyd Attard. Jason Parnis kien infurma lil bank li xi zmien qabel, f'Gunju 2010, kien tilef ic-cheque book tieghu u qalilhom ukoll li qatt ma kien hareg cheque lil Floyd Attard. Min-naha tal-Bank HSBC, xehdu kemm Marvic Duca[1] li qalet li dak-in-nhar kienet qieghda tahdem bhala kaxxiera u gie

[1] Li xehdet waqt l-udjenza tat-3 ta' Gunju 2011.

Floyd Attard sabiex jipprova jsarraf ic-cheque in dizamina u meta hija qablet il-firma minn fuq is-sistema ghal ma' dik li kien hemm fuq ic-cheque, infurmat lil Floyd Attard li ma setghetx issarfu. Hija ftakret li Floyd Attard kien anki uriha l-ID card tieghu sabiex isarraf dan ic-cheque. Minn naha l-ohra, Romina Debono[2] li tahdem gewwa l-istess fergha infurmat lil Jason Parnis sabiex tara jekk fil-fatt kienx hareg dan ic-cheque jew le. Meta giet infurmata li ma kienx hu li hareg dak ic-cheque, qalet lil Floyd Attard li kienu sejrin izommu ic-cheque.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Jason Matthew Parnis (a fol 37) fejn huwa qal li kien tilef ic-cheque book kif ukoll ktieb tal-VAT. Huwa kompla jghid li gie infurmat mill-Bank li kien inhareg cheque fuq certu Floyd Attard u gie mistoqsi jekk kienx hareg cheque fuq dan l-isem u huwa rrisponda fin-negattiv u ghalhekk ghamel rapport lil Pulizija fuq dan il-kaz. Huwa kompla jghid li dan ic-cheque book setghu haduh minn gewwa l-karozza tieghu ghaliex meta jkun hdejn il-garage ihalli l-karozza tieghu miftuha. Huwa qal li ghalkemm ma jafx jaqra u jikteb jikkonferma li l-firma ta' fuq ic-cheque (Dok. SZ6) ma kinitx il-firma tieghu.

L-ufficjal investigatur l-Ispettur Spiridione Zammit qal (a fol 19) spjega li huwa kien baghat ghall-imputat Floyd Attard fejn dan tal-ahhar ghazel li jikkonsulta mal-avukat tal-Ghajnuna Legali Dr. Ellis qabel ma rrilaxxja stqarrija (Dok SZ 1) fejn qal li kien biegh karozza Peugeot lil wiehed Toni mill-Marsa maghruf bhala c-Coqqos u kienet din il-persuna li harget dan ic-cheque. Huwa kompla jghid li kien ta dan ic-cheque lil certu Jamie Vella ghaliex kellu jagtih xi flus fl-ammont ta' 850 Ewro. Huwa kompla jghidlu li kien se jipprova jfittex lil dan Tony ic-Coqqos minhabba li kien tah dan ic-cheque. Ftit tal-granet wara Floyd Attard rega' gie nterrogat fuq dan il-kaz u meta gie mistoqsi rigward ic-Coqqos li semma' fl-ewwel stqarrija qal li kien ivvinta dan l-isem. Din id-darba ta verzjoni kompletament differenti minn dik li qal l-ewwel darba. Huwa qal fit-tieni stqarrija li kien sab dan ic-cheque abbandunat mal-art

[2] Li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta Frar 2011.

ghall-habta ta’ Gunju. Hu kien kellem persuna ohra u ta dan ic-cheque sabiex jintlew id-dettalji fuqu. L-ufficjal Prosekutur prezenta sett ta’ ritratti mehuda bic-CCTV footage tal-HSBC Fgura (Dok SZ5 u SZ6). L-Ispettur Spiridione Zammit (a fol 71) in kontro-ezami qal li Jason Parnis kien irraporta s-serq tal-pouch kollu bic-cheque book izda fir-rapport ma kienx indika fejn kien halla dan ic-cheque book u qal li ma kienx jiftakar ezatt fejn kien hallih. Huwa spjega li ma sarx ezami komparattiv bejn il-kaligrafija tal-imputat u dik li kien hemm fuq ic-cheque ghaliex Floyd Attard kien ammetta mieghu fit-tieni stqarrija kif wasal ghansu c-cheque u kif saret il-firma fuqhu.

L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri u qal li (a fol 85) li kien mar sabiex isarraf ic-cheque gewwa l-fergha tal-HSBC, l-Fgura. Huwa spjega li dan ic-cheque gie ghandu ghaliex kien thallas bih u kieku kien jaf li kien misruq ma kienx imur bl-ID card tieghu fil-Bank u jipprova jsarrfu fuq ismu. In kontro ezami l-imputat qal li kien gie mitkellem darbtejn u qal li ma riedx isemmi min huwa dan il-bniedem li tah ic-cheque. Huwa ma ftakarx li semma lil xi hadd maghruf bhala c-Coqqos fl-istqarrija li kien ghamel jew li kien tkellem mal-avukat dakinnhar. L-imputat xehed ukoll li jiftakar li huwa ried jikkopera mal-Pulizija meta rrilaxxja t-tieni stqarrija minhabba li l-ewwel stqarrija ma kinitx tirrifletti l-verita. Huwa qal li jista’ jkun li qal li ghandu problemi finanzjarji meta rrilaxxja l-istqarrijiet u li kien ghalhekk li mar sabiex isarraf ic-cheque pero’ kompla jghid li qal hekk sabiex jitlaq ‘l hemm. Huwa qal li l-verita qeghda fl-ewwel stqarrija u mhux fit-tieni wahda u sostna li li kieku kien jaf li c-cheque kien misruq ma kienx sejjer jipprova jsarrfu bl-ID card tieghu u f’post fejn kien jaf li kien hemm il-cameras.

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti hija rinfaccata b’zewg verzjonijiet tal-fatti moghtija mill-imputat. Kif ghadu kemm inghad aktar il-fuq huwa rrilaxxja zewg stqarrijiet fejn fl-ewwel stqarrija qal li c-cheque in dizamina kien gie fil-pussess tieghu meta biegh vettura tal-ghamla Peugeot lil certu wiehed maghruf bhala Toni c-Coqqos u kien thallas b’dan ic-

cheque li kien inhareg fuq ismu. Wiehed irid jinnota li fl-istess stqarrija qal li dan Toni kien thallas huwa wkoll b'dan ic-cheque minghand persuna ohra izda meta wiehed jezamina c-cheque esebit in atti josserva li dan inhareg direttament fuq Floyd Attard fis-somma ta' 1600 Euro. L-imputat izda qal li meta inghata c-cheque dan kien diga mimli u huwa sempliciment kiteb il-kliem ta' wara fuq ic-cheque. Wiehd difficilment jifhem kif ic-cheque seta hareg pagabbli lil Floyd Attard meta l-ewwel inghata bhal pagament lil Toni c-Coqqos. Il-Qorti hija tal-fehma li t-tieni stqarrija hija l-aktar wahda verosimili u tirrifletti dak li effettivament gara u sejra tiskarta dak li l-imputat qal fl-ewwel stqarrija minnu rilaxxjata u dak li qal meta xehed f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat qed jigi akkuzat li kkometta sensiela ta' reati li saru b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li **jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.** Illi mill-fatti mressqa quddiem dina l-Qorti jidher li fil-fatt hawn qieghdin nitkelmu fuq reat li kellu l-bidu tieghu minn sejba ta' cheque u fl-ahhar sar tentattiv sabiex dan jissarraf. Ghalhekk dina l-Qorti ma tistax tara li kien hemm diversi atti ohra li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda. Din il-Qorti ghandha quddiemha iter ta' reat li wassal ghat-tenttativ ta' Floyd Attard sabiex isarraf ic-cheque. Minn imkien ma hareg li l-imputat prova jaghmel l-istess haga f'cirkostanzi differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi. Illi ghalhekk ma tistax tara li Floyd Attard ikkometta dawn ir-reati li qieghed jigi akkuzat bihom bhala reat kontinwat taht l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi permezz tal-imputazzjoni mmarkata bhala '2' l-imputat qieghed jigi akkuzat b'tentattiv ta' frodi taht l-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu jinghad li taht dan l-artikolu jinkorru diversi elementi biex jigi pruvat li fil-fatt ikun kaz ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghandu jinghand biex ikun hemm it-truffa irid ikun hemm mhux biss semplici *parole menzognere*, izda anke

jenhtieg li jkun hemm il-*mise-en-scene* li taghti l-kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ingann. Huwa necessarju ghalhekk illi jigi ppruvat li l-buona fede tal-vittma tigi sorpriza b'dan l-artifizju, jew kwalifiki foloz, bhal ma huma ismijiet foloz. Fil-fatt l-elementi essenzjali ta' dan ir-reat ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-Kap 9, huwa att li bih tigi murija haga b'ohra, maghmul bi skop li jgieghel titwemmen l-ezistenza ta' krediti immaginarji, u li permezz tieghu l-agent jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor. Dan l-att imsemmi huwa l-messa in xena. It tieni element tal-frodi huwa l-*mens rea* u cioe' l-att li jsir b'mod volontarju mill-persuna halli haddiehor jemmen l-ezistenza ta' xi kreditu immaginarju. L-ahhar element huwa li jrid ikun hemm il-qligh ghad-dannu ta' haddiehor. Illi ghalhekk dina l-Qorti trid tara mill-provi li ghandha quddiemha jekk tistax tasal minghajr ombra ta' dubju sabiex tikkonkludi li dak li ghamel Floyd Attard kienx tentattiv ta' truffa. Illi fl-istqarrija li rrilaxxja l-imputat u cioe' dik tal-24 ta' Lulju 2010, intqal b'mod car li dak ic-cheque kien sabu fl-art u kien vojt u ghalhekk hawnhekk hawn sitwazzjoni fejn huwa kien jaf li c-cheque mhux tieghu. Huwa kompla zied jghid fl-istqarrija tieghu stess li ha dan ic-cheque ghand persuna fejn dina mliet il-parti ta' quddiem u ta' wara sabiex huwa jkun jista' jsarrfu fuq ismu. Huwa prova jghaddieh lil haddiehor halli jiehu s-somma kollha izda ha biss parti. Illi meta ra li ma hax il-flus kollha, mar il-fergha tal-HSBC sabiex isarraf dan ic-cheque u ma rnexxilux semplicement ghaliex il-kaxxiera ndunat li l-firma ma kinitx taqbel mal-ispecimen signature li kellhom tal-account holder. Illi fil-mument li mar quddiem il-kaxxiera bil-hsieb li jsarfu l-imputat kien jaf li dan ic-cheque ma kienx inhareg fuq ismu biex jissarraf. Kieku rnexxielu jsarraf ic-cheque l-imputat kien jaghmel qligh ta' 1600 Euro ghad-detriment ta' Jason Parnis. Illi ghalhekk l-assjem tal-provi jindikaw b'mod car li Floyd Attard ghandu jinstab hati ta' tentattiv ta' frodi fil-konfronti ta' Jason Parnis.

Permez tal-imputazzjoni mmarkata bhala 3 l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiprovdi s-segwenti:-

**183.** Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw..

Illi dan l-Artikolu jitkellem fuq il-falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem. Illi mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni fuq dan l-aspett ma jirrizultax li Floyd Attard ghamel xi falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem. Illi b'dak li kien ghamel Floyd Attard meta qal fl-istess stqarrija tieghu kienu biss atti preparatorji ghad-delitt ta' frodi u mhux dak li qieghed jipprovdi dan l-Artikolu. Ghalhekk din il-Qorti ma jidrilhiex li tista' tinstab htija abbazi tal-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif intqal hawn fuq, ghalkemm ma giex pruvat li kien l-imputat li effetwa l-falsifikazzjonijiet fuq ic-cheque, gie pruvat li huwa kien ben konxju li kien qed jaghmel uzu minn dokument iffalsifikat. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tar-reat ta' uzu minn dokument iffalsifiikat.

L-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirreferi ghal falsifikazzjoni ta' certu tip ta' dokument u cioe bhal cedoli, polza, ordni jew dokumenti ohra. Illi jirrizulta evidenti li din l-imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet tlieta u erba' u stante li l-imputat ser jinstab hati tar-raba' imputazzjoni l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Illi l-imputat jinsab ukoll addebitat bl-imputazzjoni ta' ricetazzjoni. Illi r-reat ta' ricettazzjoni taht l-artikolu 334 jghid espressemant:
[...] **xjentement** jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, [...] jew,

**xjentement**, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Din il-Qorti tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-element tax-*scienter* mehtieg f'dan ir-reat ghal dan u cioe, x'qal l-imputat fid-deposizzjoni tieghu u fl-istqarrija tieghu. Illi sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi u cioe' :
1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;
2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima w
3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim **"Il-Pulizija vs. Bugelli"** [24.1.1942]**; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"** [25.10.2002])

L-element formali ta' dan ir-reat hu li l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-
"*Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Briguglio"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Dimech"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. George Tabone"** [24.6.1961] u "**Il-Pulizija vs. Tancred Borg"** [26.10.1998]).

S'intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo"** [21.3.1953]; "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb"** [16.12.1998] u ohrajn). Fi kliem iehor, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt li l-oggett mertu ta' l-imputazzjoni u cioe' ic-chequebook kien insteraq jew gie akkwistat b'qerq jew altrimenti akkwistat kontra l-ligi minn xi hadd iehor qabel ma dan gie f'idejn l-imputat. Kellha tipprova wkoll – u dan issa a rigward ta' l-element formali tar-reat – li l-imputat kien jaf li gej minn provenjenza Illecita. Issa mix-xhieda tal-istess Ufficjal Prosekutur fejn dan qal a fol 19 [...] "Dan kien irraportat mitluf jew misruq fl-4 ta' Gunju ta' l-istess sena, l-branch ta' Rahal Gdid". Illi mill-provi mressqa ma ngiebet ebda prova li fil-fatt dan ic-cheque kien insteraq jew li kellu xi provenjenza llecita. Illi l-istess Spettur in kontro-ezami ta x'jifhem li dan il-pouch kien gie misruq. In fatti a fol 72 huwa qal li Jason Matthew Parnis kien irraporta li ftit qabel kellu pouch misruq. Izda wiehed ghandu jghid li kemm fir-rapport li gie esebit mill-Prosekuzzjoni fejn jinghad li hemm differenza bejn dak li qal ix-xhud u f'dak li hemm fir-rapport u cioe li huwa kien **tilef** VAT receipt book kif ukoll cheque book number 87021853001. Fl-istess rapport ikompli jghid li xi hadd **seta' seraqlu** dawn l-oggetti. Ghalhekk lanqas l-istess Jason Matthew Parnis ma kienx cert jekk fil-fatt dan insteraqx jew le. L-istess Spettur ikompli jghid li a fol 73 li anki skond ir-rapport kien qallhom li kien mitluf. Illi fix-xhieda ta' Jason Matthew Parnis huwa qal a fol 38 li "[...] jiena nahseb li jekk haduhuli, haduh minn hdejn il-garaxx [...]". Anki l-istess vittma lanqas mhux cert jekk fil-fatt dan insteraqx. Illi ghandu jinghad minn dak li xehed l-istess Spettur kif ukoll il-vittma u cioe' Jason Parnis li d-dikjarazzjoni taghhom tas-serq hija wahda generika. Illi ma ngiebet ebda prova in sostenn tal-fatt li kien hemm is-serq jew li b'xi mod li kien hemm xi qerq jew li c-cheque book gie akkwistat b'reat iehor. Illi l-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjoni tar-ricetazzjoni.

L-imputat gie wkoll akkuzat li kkommetta serq ta’ cheque book mahrug mill-HSBC fuq l-akkont ta’ Jason Matthew Parnis mill-Fgura u aktar talli ghamel uzu mill-karta msemmija. Jason Matthew Parnis kien ghamel rapport mal-pulizija nhar il-5 ta’ Lulju 2010 li skond ir-rapport hemm imnizzel li huwa kien **tilef** VAT receipt book kif ukoll cheque book number 87021853001. Fl-istess rapport ikompli jghid li xi hadd seta’ **seraqlu** dawn l-oggetti. Dan ir-rapport sar wara li Romina Debono mill-fergha tal-HSBC gewwa l-Fgura kienet kelmitu rigward cheque mahrug f’isem Floyd Attard. Illi fix-xhieda tieghu li qieghda a fol 38 fejn qal

Xhud : Iva. Ghamilt rapport, ghax l-ewwel li ghamilt rapport tal-ktieb tal-VAT u tac-cekk ma kontx ghamiltu ghax kont waqqaftu mill-bank. Ghidt m’hemmx ghalfejn. Umbghad wara li gara dan il-kaz, umbghadt ghidt ahjar immur nghamel rapport.

Wara huwa kompla jghid :

Xhud : […] jiena nahseb li jekk haduhuli, haduh minn hdejn il-garaxx ghax hemmhekk biss inhalli l-karozza miftuha. Minn hdejn il-garaxx tieghi. Ghidtilhom il-bqija ma kellix karozza mkissra jew hekk.

L-imputat fl-ewwel stqarrija li ta lill-pulizija (a fol 22) qal li kien gie mghoti dan ic-cekk minn persuna maghrufa bhala Toni jghidulu c-Coqqos minhabba bejgh ta’ vettura. Illi meta mar biex issarraf dan ic-cekk il-Bank ma sarfuhx ghax skond huma l-firma ma kinitx taqbel. Illi fit-tieni stqarrija li ghamel l-imputat (a fol 24) qal li l-verzjoni li kien qal rigward il-bejgh tal-vettura kienet ivvintata. Huwa kompla jghid :

M : Sibtu jew sraqtu dan ic-cekk ?

T : Nahliflek li sibtu mal-art

Huwa kompla jghid li huwa kien sab cheque wiehed mal-art u mhux ic-cekk book kollu. Meta gie mistoqsi jekk fil-fatt kienx hu li serqu huwa qal li ma kienx veru. Illi minn dawn il-fatti jirrizulta li hemm dubju jekk fil-verita’ dan ic-cheque li prova jissarraf mill-imputat giex misruq minnu. Illi mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jidher li anki s-sid tac-cekk Jason Parnis kellu diffikulta’ jistabbilixxi jekk fil-verita’ dan ic-cheque book (li dan ic-cekk li l-imputat prova

jsarraf kien parti minnu) kienx misruq minn gewwa l-vettura fejn qal li ma sabx sgass jew ksur fiha jew inkella dan tilfux. Ghandu jinghad li b'refereza ghar-rapport li ghamel mal-Pulizija qal li setghu serquh pero qal ukoll li huwa kien tilef il-VAT book flimkien mac-chequebook. Inoltre ma ngiebet ebda prova li tindika li l-imputat kienet il-persuna li serqet dan ic-cheque minn gewwa l-vettura. Ma kienx hemm ebda impronti digitali li ttiehdu minn fuq il-vettura u li tqabblu ma dawk tal-imputat. Lanqas ma ngiebet ebda prova ohra li saret xi tfixxtija fir-residenza tal-imputat u li nstabu l-kumplament tac-chequebook jew xi haga ohra relatata ma' dan ir-rapport li ghamel Jason Parnis. Fil-kaz in ezami, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat seraq ic-cheque book in dizamina u ghalhekk huwa ser jigi liberat kemm mill-imputazzjoni mmarkata bhala 6 u ghall-istess ragunijiet mill-imputazzjoni mmarkata bhala 7.

Illi mis-sentenzi esebiti f'dawn il-proceduri, u cioe dik tal-5 ta' Lulju 2007 (a fol 47) u dik tas-17 ta' Dicembru 2008 (a fol 56) jirrizulta li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-fatt illi mill-fedina penali tieghu jirrizulta li huwa diga' inghata l-opportunita' li jirrifoma ruhu izda naqs milli jaghmel dan u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha tapplika piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31,41, 49, 50, 184, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni (2) mputazzjoni (truffa) u tar-raba' (4) imputazzjoni (uzu minn dokumenti foloz) u tikkundannah sentejn (2) prigunerija. Stante li l-imputazzjoni mmarkata bhala erbgha (4) inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni mmarkata bhala tlieta (3) l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tiliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------